# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 22 ta' Mejju tas-sena 2002.**

**Numru 23**

**Avviz numru 58/00/SM**

**Joseph Philip Testaferrata Bonici, Rita Testaferrata Bonici u Nicholas Bianchi bhala kap tal-kommunjoni tal-akkwisti ta' marthu Marie Biachi.**

**vs**

**Perit Carmelo Bonanno A& C.E. u b'digriet tal-24 ta' Jannar 2002 Victoria u Joseph konjugi Azzopardi kjamati in kwaza.**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat it-18 ta' Jannar tas-sena 2000 li permezz tieghu l-atturi sejhu lill-konvenut quddiem din il-Qorti biex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:**

1. **Jizgombra mill-ghalqa maghrufa bhala Ta' San Niklaw, fil-limiti tal-Mellieha li qieghed jokkupa minghajr ebda titolu validu fil-ligi;**

2. **Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra interpellatorja tas-26 t'April ta' l-1999 u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni;**

3. **Ghal fini ta' valur l-atturi jiddikjaraw illi dan hu taht il-hames mitt lira Maltin (LM500.00,0);**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata l-15 ta' Frar tas-sena 2000 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa s-segwenti:**

1. **Illi din il-Qorti hi inkompetenti ratione materiae peress li l-Bord li Jirregola l-Kera tar-Raba' huwa l-Bord kompetenti;**

2. **Illi missier John Mary Bonanno wiret lil John Vella l-inkwilin tar-raba' in kwistjoni u ghalhekk a tenur ta' l-artikolu 2 tal-Kap 199 tal-Ligijiet ta' Malta huwa wiret il-kirja tar-raba' in kwistjoni u sussegwentement, b'kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr. Tonio Spiteri missier l-esponent ceda d-drittijiet kollha li huwa kellu fuq l-istess eredita' f'isem il-konvenut;**

3. **Salv eccezzjonijiet ohra;**

**Rat id-decizjoni taghha datata l-20 ta' Novembru tas-sena 2000 li permezz taghha cahdet l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-konvenut u ordnat il-prosegwiment tal-kawza;**

**Rat id-digriet taghha datat l-11 ta' Ottubru tas-sena 2001 li permezz tieghu ordnat l-intervent ta' Victoria Azzopardi u ta' Joseph Azzopardi;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' l-intervenuti fil-kawza datata t-22 ta' Novembru tas-sena 2001 li permezz taghha eccepiet is-segwenti:**

1. **Illi huma jokkupaw l-art indivizament mal-konvenut l-iehor u dan b'titolu validu ta' kirja li ntirtet;**

2. **Illi qatt ma nghata l-kongedo jekk kien il-kaz;**

3. **Illi r-rinunzja tal-konvenut Carmelo Bonanno jekk din tavvera ruhha tfisser biss li Carmelo Bonanno johrog mill-kirja imma ma jippregudikax il-kirja tal-intier lill-eccipjenti intervenuti fil-kawza;**

**Rat il-verbal tal-konvenut Bananno datat l-24 ta' Jannar tas-sena 2002 li permezz tieghu ddikjara li 'm'ghandux x'jaqsam izjed ma' l-ghalqa in kwistjoni";**

**Rat id-digriet taghha ta' l-24 ta' Jannar tas-sena 2002 li permezz tieghu rrikjamat fil-kawza lil Victoria u Joseph Azzopardi;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-kjamati in kawza datata 6 ta' Frar tas-sena 2002 li permezz taghha eccepew is-segwenti:**

1. **Illi hija tiddetjeni r-raba de quo b'titolu ta' lokazzjoni u dana bhala werrieta tal-gabilott, u ghalhekk din il-Qorti mhix kompetenti ratione materiae;**

2. **Illi fi kwalunkwe kaz, il-kirja ghaddiet ghand l-eredi in virtu ta' dak li jiddisponi l-Kodici Kriminali fl-artikolu 1536, u ma nghata l-ebda kongedo lill-werrieta;**

3. **Salvi eccezzjonijiet ohra;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti nkluzi n-nota ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;**

**Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament elenkati bil-mod segwenti:**

1. **Illi l-atturi huma proprjetarji ta' l-ghalqa meritu ta' din il-procedura stante li giet assenjata lilhom permezz ta' kuntratt ta' divizjoni in atti tan-Nutar Dottor Joseph Henry Saydon datat it-18 ta' Dicembru ta' l-1996;**

2. **Illi precedentement l-imsemmija ghalqa kienet imqabbla lil certu John Vella miz-zija ta' l-atturi li kienet il-proprjetarja originali ta-sit de quo;**

3. **Illi l-imsemmi John Vella miet fl-10 ta' Marzu ta' l-1993 u n-nutar fuq indikat li kien qed jamministra l-istess sit la gedded il-qbiela u la ghadda xi titolu lill-hadd;**

4. **Illi l-imsemmi John Vella miet guvni u bla tfal;**

5. **Illi stante li l-konvenut il-perit Bonanno ddikjara li m'ghandux interess fil-proprjeta' odjerna allura din il-qorti m'hix ser tiddelunga inutilment fir-rigward;**

6. **Illi l-kjamata in kawza Azzopardi isostni li ghandha titolu ta' lokazzjoni li pero' ma jirrizultax assodat;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi di fatti l-intervent tal-perit Bonanno f'din il-procedura juri li effettivament l-ghalqa in dizamina ghamlet effettivament perjodu ta' zmien pjuttost twil mitluqa u abbandunata;**

**Illi meta, b'decizjoni gudizzjarja, dawn il-konjugi Azzopardi gew a konjizzjoni ta' dan il-fatt u raw il-possibilita' ta' gwadann minghajr sagrificcji allegaw dritt li qatt ma kien gie lilhom koncess legalment u li qatt ma ghaddha ghandhom;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi jirrizulta li:**

**1. Illi l-atturi huma l-legittimi proprjetarji tal-fond de quo;**

**2. Illi l-konjugi Azzopardi qatt ma gew fil-pussess ta’ drittijiet kontra terzi fl-ghalqa in dizamina;**

**3. Illi din l-ghalqa ghaddiet legittimament ghand l-atturi minghajr ma jistghu jigu vantati drittijiet minn terzi, inkluzi l-kjamati in kawza odjerni, fil-konfront taghhom;**

**Ghaldaqstant din il-qorti filwaqt li tirrespingi l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut u tal-kjamati in kawza fuq riferiti, tilqa’ t-talbiet attrici u tordna lill-konvenut Carmelo Bonanno u lill-kjamati in kawza Victoria u Joseph konjugi Azzopardi biex jizgumbraw mill-ghalqa mgharufa bhala ta’ San Niklaw, limiti tal-Mellieha fi zmien xahar millum, bl-ispejjez.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**